Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.

*Kumpilazzjoni Nru 243/17*

Illum, is- 25 ta' Lulju 2019

**Pulizija**

**Vs**

**Ahmed Mohammed Mustafa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet kontra Mustafa Ahmed Mohammed ta' 28-il sena, bin Ahmed Mohamed u Hawija, imwieled Somalja nhar l-01 ta' Jannar 1989, residenti gewwa Tan-Nadur Mansions, Fl 3, Triq il-Majjistral, Marsaskala, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 79152A, police number 12E19;

Talli nhar l-24 ta' Marzu 2017, bejn is-sitta u nofs ta filghaxija u s-sebgha u nofs ta' filghaxija (18:30hrs- 19:30hrs) gewwa Xatt il-Mollijiet fl-Marsa u/jew f'inhawi ohra ta' dawn il-gzejjer;

1. Bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Mursal Aden Diriye fil-periklu car, wera' dan il-hsieb b'atti estreni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt billi ta bosta daqqiet ta' arma li taqta' u bil-ponta fuq il-persuna Mursal Aden Diriye liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga incidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. U kif  ukoll ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq Mursal Aden Diriye hekk kif iccertifika Dr. James Borg M.D. mill-isptar Mater Dei;

3. Kif ukoll talli filwaqt li kien qieghed jaghmel reat kontra l-persuna ta' Mursal Aden Diriye kellu fil-pussess tieghu arma regolari;

4. U aktar talli garr' il-barra minn xi fond jew id-ditorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkustanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien  u f'dak l-ammont bhala ma jkun gie stabbilit fis-sentenza  jew fl-ordni skond l-artikolu 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors kongunt prezentat nhar it-13 ta' Gunju, 2019, mill-Avukat Generali u l-imputat permezz ta' liema, wara li ddikjaraw li qed jaqblu fit-termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti biex fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu, fl-ambitu tan-Nota li giet pprezentata kontestwalment mir-rikorrent Avukat Generali, u cioe' ghat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, bl-ewwel imputazzjoni tigi ceduta, tenendo kont tal-fatti specie kollha tal-kaz, is-sanzjoni jew mizura li ghandha tigi inflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda **ta'prigunerija ghall-perjodu ta' tlett snin,** u dan oltre` kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija, fosthom il-hlas ta' l-ispejjez peritali kollha jew f'ammont li din il-Qorti joghgobha tistabbilixxi.

Rat illi waqt l-udjenza ta' l-4 ta' Lulju 2019 l-imputat ammetta ghat-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta ghat-tieni, t-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoniji migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti tirrileva li din is-sentenza qeghda tinghata wara li saret talba mill-partijiet permezz ta' rikors konguntiv mill-Avukat Generali u l-akkuzat a tenur ta' l-artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodici Kriminali.

Illi wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat u wara li rat in-natura serja tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, din il-Qorti hi sodisfatta li s-sanzjoni mitluba mill-partijiet hija tali li jkun leġittimu illi din tigi hekk imposta u dan ai termini tal-Artikolu 392A(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 8, 9, 11, 14, 16, 17, 19, 20, 22, 214, 215, 216, 217, 338 (dd) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta'

Malta, kif ukoll l-artikoli 6, 7 u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tat-tieni, t-tielet, ir-raba u l-hames akkuzi migjuba kontrih u tikkundannah ghal **tlett snin prigunerija.**

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' € 434.72 rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat